

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq assenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, dwar in-nuqqas ta' osservanza tar-raba' kriterju tal-ġurisprudenza Altmark u fuq l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku.

---

### Rikors ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2017 – TrekStor vs EUIPO – Beats Electronics (i.Beat)

(Kawża T-748/17)

(2018/C 022/66)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: TrekStor Ltd (Hong Kong, iċ-Ċina) (rappreżentanti: O. Spieker, M. Alber, A. Schönfleisch, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Beats Electronics LLC (Culver City, California, l-Istati Uniti)

#### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "i.Beat" – Trade mark tal-Unjoni Nru 5 009 139

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Settembru 2017 fil-Każijiet magħqu-da R 2175/2016-4 u R 2213/2016-4

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tiċħad l-appell tar-rikorrenti mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-konvenut bid-data tad-29 ta' Settembru 2016, u għalhekk tilqa' l-applikazzjoni għal revoka mressqa mill-applikant għal kanċellazzjoni u tirrevoka d-drittijiet tal-applikant fir-rigward tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 005009139;
- tiċħad l-applikazzjoni għal revoka mressqa mill-applikant għal kanċellazzjoni;
- tordna lill-applikant għal kanċellazzjoni u lill-EUIPO jbatu l-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż neċessarji sostnuti mir-rikorrent quddiem il-Bord tal-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

#### Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001;
  - Ksur tal-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament 2017/1001.
- 

### Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2017 – TrekStor v EUIPO – Beats Electronics (i.Beat jess)

(Kawża T-749/17)

(2018/C 022/67)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: TrekStor Ltd (Hong Kong, Hong Kong) (rappreżentanti: O. Spieker, M. Alber, A. Schönfleisch, lawyers)